MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 4/2000/1

**Cedric Mifsud**

**vs**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti**

**PRELIMINARI**

**L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avvizipprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fit-3 ta' April, 2000, l-appellat talab rifuzjoni ta' tlett mija wiehed u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm331.50) rappresentanti prezz ta' air-conditioner li kien qed jaghmel hafna storbju;

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA KONVENUTA**

2. Is-socjeta konvenuta rrispondiet ghal dan l-avviz u spjegat, permezz tar-rappresentant taghha, Raymond Mallia, li l-kawza tal-hoss in kwistjoni ma kienx xi difett fl-air conditioner mibjugh, izda l-fatt li, fuq insistenza ta' l-appellat, l-"indoor unit" kellu jitwahhal ma' hajt b'hafna dislivell ("uneven wall surface");

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tieghu tad-29 ta' Awissu 2000, it-Tribunal ghazel li hu wkoll jinjora l-ispjegazzjoni logika ta' l-esponenti u, minkejja l-inkosistenza fuq riferita ta' l-espert u l-fatt li hadd ma kkontradixxa lix-xhud Raymond Mallia dwar id-dislivell fil-hajt, ghazel li joqghod cekament fuq ir-rapport peritali u kkundanna lill-esponenti thallas (minghajr ma qal lil min?!) is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300), flimkien ma' Lm30 ta' l-ispejjez peritali, oltre l-ispejjez legali;

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

Is-socjeta konvenuta hasset ruhha aggravata b'dina s-sentenza stante li skond hi, mhux biss tmur kontra l-gustizzja naturali, izda wkoll hija nulla u konsegwentament bla ebda effett fil-ligi;

(i) Illi dwar il-kwistjoni tal-gustizzja naturali, l-esponenti tissottometti li l-prattika tat-Tribunal fuq riferit li jisma' x-xhieda bla gurament, inkluz il-konferma tar-rapport peritali, tmur mhux biss kontra l-ligi procedurali, izda wkoll kontra r-regola sagrosanta tas-smiegh xieraq. Inoltre, dan in-nuqqas ikompli jaggrava ruhu meta wiehed iqis li r-rappresentant ta' l-esponenti ma nghatax ic-cans li jezamina l-kontenut tar-rapport peritali u lahaq biss jaqra l-konkluzzjonijiet qabel il-kas mar ghas-sentenza. Dan kollu, fl-umli fehma ta' l-esponenti, jirrendi l-procedura kollha travestiment ta' gustizzja;

(ii) Illi f'dawn ic-cirkustanzi, in-nuqqas ta' l-istess Tribunal li jzomm rekord ta' dak li jintqal fix-xhieda (inkluz dik tal-perit tekniku) jew ta' dak li jsir fis-seduti, ikompli jintralcja d-dritt tal-parti telliefa li, kif inhu dtitt taghha, tqabbad avukat biex tappella mid-decizjoni moghtija. Dawn in-nuqqasijiet procedurali ma jistghux jigu skuzati bil-fatt li l-istess Tribunal jiddeciedi l-kazijiet fuq il-principju ta' l-ekwita' u jirregola l-procedura minnu segwitu. Infatti, l-istess principji japplikaw ghat-Tribunal tat-Talbiet Zghar, izda hawn insibu li x-xhieda mhux biss dejjem tinstema' bil-gurament, izda titnizzel bil-miktub, kif isir ukoll ghar-rigward tal-verbali;

(iii) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti wkoll li d-decizjoni tat-Tribunal f'dan il-kaz hija nulla u bla effett legali ghaliex, filwaqt li tikkundanna lill-esponenti thallas Lm300, oltre l-ispejjez, la tghid lil min ghandu jsir dan il-hlas u lanqas ssemmi xejn dwar id-dritt ta' l-esponenti li tiehu lura l-"air-conditioner" in kwistjoni ladarba, presumibilment, il-bejgh kien qed jigi rexiss!

Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti, joghgobha tannulla s-sentenza tat-Tribunal fuq riferita u, wara li, jekk hemm bzonn, tisma' mill-gdid lill-partijiet u lill-espert tekniku, tiddeciedi l-kaz billi tichad t-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Trattat l-appell miz-zewg nahat.

5. Il-vertenza tirrigwarda "air-conditioning unit" mixtri mill-appellat minghand is-socjeta' konvenuta appellanti ghall-prezz ta' Lm331.50c u li dwaru l-appellat jallega li kien difettuz principalment minhabba l-hsejjes li dan il-"unit" jaghmel meta jithaddem. Is-socjeta' appellanti, filwaqt li tikkoncedi li hsejjes kien hemm – u fil-fatt jirrizulta li hija anke baghtet it-teknici taghha biex jippruvaw jeleminaw dawn il-hsejjes – tikkontendi pero' li l-hsejjes kienu gejjin

minhabba li l-"unit" gie kkollokat ma' hajt b'hafna dizlivell, u cjoe' b' "uneven wall surface".

6. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza it-Tribunal hatar espert tekniku li pprezenta rapport fejn dan ikkonkluda li minkejja li s-"supplier" ipprova jsib rimedju biex jelimina l-hsejjes, u fil-fatt jirrizulta li dawn gew effettivament ridotti, xorta baqa' hemm "low-pitched disturbing noise".

7. Wiehed mill-aggravji ta' l-appell hu li din ir-relazzjoni peritali ma gietx mahlufa mir-relatur. Ghalkemm dan kien certament lapsus procedurali serju da parti tat-Tribunal li sema' l-kaz, madankollu u minkejja dan in-nuqqas din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm "travestiment ta' gustizzja", kif gie ingustament fil-fehma taghha enfasizzat mis-socjeta' appellanti. Ghall-kuntrarju, it-Tribunal jidher li f'dan il-kaz sema' l-provi kollha prodotti mill-partijiet u kull parti kellha kull opportunita' li tipprezenta l-verzjoni tal-fatti rispettiva.

8. Inoltre din il-Qorti stabbiliet prassi li ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament ta' provi ta' fatt li jkunu gew prodotti u mismughin mill-ewwel Qorti jew Tribunal jekk mhux ghal xi raguni jew ragunijiet serji li jkunu jiddettaw xort'ohra. Dan maghdud, u wara li hija gharblet mill-gdid il-provi prodotti, anke ad eskluzzjoni tar-rapport peritali surreferit, jidhrilha li jirrizultaw provi sufficjenti li juru li effettivament l-apparat de quo mixtri mill-appellat minn wiehed difettuz minhabba l-hsejjes li kien jemetti. Kulma rnexxielha tipprova s-socjeta' attrici huwa li fejn kien kkollokat l-"unit" kien fattur iehor illi kompla jikkontribwixxi sabiex il-hsejjes jizdiedu, imma hsejjes kien hemm u baqghu jippersistu minkejja kull intervent li sar.

9. Tajjeb li jigi rrilevat li anke fir-risposta taghha s-socjeta' appellanti jidhru certi inkonsistenzi li jdaghjfu t-tezi taghha. Fl-istess nifs li baqa' ssostni li ma kienx hemm assolutament xejn hazin fil-"UNIT 12,000" li gie installat fil-fond 7, Block N, Triq Zneiber, San Gwann, u wara li tghid li hija baghtet lit-teknici taghha biex jaraw x'kien l-ilment u li dawn ma rriskontraw xejn, u wara li zzid ukoll li hija

hadet il-"unit" biex jigi ppruvat ghandha u li dan "qatt m'ghamel ebda hoss" imbaghad ir-risposta taghlaq kif gej, "... Biex zgur nippruvaw insolvu l-problema, konna biddilna l-'indoor unit' komplut u hallejna biss l-'cover' ta' l-antik ..."

Jekk tabilhaqq ma kienx hemm problema kwalsiasi isegwi li is-socjeta' appellanti ma kellha ghalfejn tbiddel xejn.

10. Is-socjeta' appellanti tilmenta li t-Tribunal naqas milli jzomm 'record' tax-xhieda prodotta. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tirrileva li hu dejjem desiderabbli li kemm hu possibli kull prova li ssir ikun hemm ta' lanqas ghandu jkun hemm access ghal dak li jkun inghad imma fil-kaz ta' kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jidher li kien ovvju li l-legislatur ried li l-proceduri ma jkunux rigidi hafna, u kien proprju ghalhekk li introduca il-kuncett ta' l-ekwita' biex b'hekk jaghti latitudni akbar u usa' lill-aggudikatur billi ma jorbtux ma' regoli tal-ligi li jistghu jservu ta' xkiel ghall-ghoti ta' decizjoni spedita. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.

11. Fl-ahharnett, is-socjeta' appellanti sostniet li s-sentenza appellata kienet nulla u bla effett legali ghaliex kull ma tghid hu li s-socjeta' appellanti kellha thallas lill-appellat l-ammont ta' Lm300 bla ebda access ghar-rexissjoni o meno tal-bejgh li sar.

Il-Qorti ghal darb' ohra jkollha tirrimarka ghall-mod kif is-sentenza ma ssemma' xejn dwar il-bejgh izda minn naha l-ohra terga' tenfasizza n-natura spedita li bih dan it-Tribunal hu tenut li jopera bla formuli legalistici esagerati. Issa stante li t-talba attrici originali kienet wahda ta' rifuzjoni ("refund") hu ovvju li darba li s-socjeta' appellanti giet ikkundannata li tikkonfondi mnejn l-ammont kollu mhallas lura lix-xerrej, Lm300 minflok Lm331.50 ghandu jsegwi illi l-apparat kellu jigi ritornat lilha, li jimplika allura li b'daqstant il-bejgh gie rexiss. A skans ta' kull eventwali ekwivoku, l-avukat ta' l-appellat, f'isem il-patrocinat tieghu, ghamel verbal fis-seduta ta-3 ta' Mejju 2002, quddiem din il-Qorti, fejn iddikjara li, in vista tas-sentenza moghtija, l-appellat "jaccetta li hu jrid a tenur ta' l-istess sentenza jikkonsenja lura l-air-conditioner".

Maghdud is-suespost, hija l-fehma ta' dina l-Qorti li l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma infondati u qeghdin, jigu respinti:

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep. Reg.
df